# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1964

ROYAL ... MELITENSIA

# L-INDIPENDENZA

*Issa Malta hija indipendenti u għalhekk tista' toqgħod mal-pajjiżi ħielsa u b'rajhom f'idejhom. Din kienet ix-xewqa ta' missierijietna u ta' nannietna u għal dan l-iskop huma tqabdu u mietu matul is-sekli. Issa x-xorti messet lilna li niċċelebraw din il-ġrajja kbira fl-istorja ta' Gżiritna u ninkurunaw lil Malta tagħna bil-kuruna tal-glorja u s-setgħa.*

*Il-lum Malta hi indipendenti, ma tagħraf lil ħadd bħala sid tagħha, ma toqgħod taħt il-ħakma ta' ħadd, imma tmexxi hi d-destin tagħha skond ir-rieda ta' wliedha. Bħala nazzjon indipendenti Malta għandha l-jedd u s-setgħa li tieħu postha fost il-Għaqda tal-Ġnus, u dak li hu l-aktar importanti, hi tista' bil-ħaqq kollu titħallat man-nazzjonijiet l-aktar ċivilizzati, progressivi u evoluti, għax Malta fiċ-ċokon tagħha għandha kull ma jeħtieġ biex tidħol fl-isfera tal-pajjiżi avanzati.*

*Il-Gżira tagħna għandha kultura, storja, lingwa u karattru li jiffurmaw is-sisien ta' kull progress ċivili, u soċjali; il-patrimonju nazzjonali tagħna hu kbir u l-ħila u l-ħeġġa tal-Maltin ipattu għan-nuqqas ta' risorsi naturali. Għal dan kollu l-futur ta' pajjiżna jipprometti ġid u barka, u jekk aħna nħabirku bil-ħila tagħna kollha u jekk nirsistu bil-ħeġġa, nistgħu mmexxu 'l quddiem lil pajjiżna u nagħtuh xejra ġdida ta' riżq u ta' qawwa.*

*Imma issa aħna nħollu u norbtu jekk pajjiżna jgħaddi 'l quddiem jew jibqa' bla jiċċaqlaq; issa ma nistgħux norbtu fuq nazzjonijiet oħrajn jew nistennewhom imexxuna huma. Il-lum Malta hi tal-Maltin u huma biss għandhom id-dmir li jaqilgħuha, imexxuha u javanzawha, u jekk ma tavanzax, il-ħtija tkun tagħhom biss.*

*It-tama tagħna hi kbira għax nafu li ħutna l-Maltin iħobbu art twelidhom u fejn jeħtieġ huma pronti biex jissagrifikaw kollox, saħansitra ħajjithom, għaliha. Imma biex is-sagrifiċċju jkun ta' fejda jeħtieġ li jkun imqanqal biss minn sentimenti ġenwini, nazzjonali u patrijottiċi. Jeħtiġilna li ngħollu l-bandiera tagħna biss; jeħtieġ naqbdu triq għalina u nimxu dejjem fiha 'l quddiem bla ma mmilu lejn toroq jew*

*mogħdijiet barranin. Issa hu dmir tagħna, u dmir sagrosant, li nseddqu dak kollu li hu Malti, għax jekk nitilfu l-individwalità u l-karattru nazzjonali tagħna, l-indipendenza tagħna tisfa' fiergħa u taċ-ċajt.*

*Mela ningħaqdu lkoll flimkien bħala ċittadini wlied Malta, nogħlew 'il fuq mill-partiti, nieħdu id f'id, nistqarru li aħna Maltin u nwiegħdu li naħdmu bil-ħrara ta' qalbna kollha għall-ġid u b'riżq ta' ommna Malta ħanina.*